MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2012

Numru. 381/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Nikolai Sant**
**vs**
**Valerio Musiello**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Valerio Musiello, ta' 24 sena, bin Ciro u Anna Maria nee' Sorrento, imwieled l-Italja nhar id-29 ta' Lulju, 1988, residenti gewwa Dean Residence, Flat 2, Triq Ross, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija no: 0071665A u detentur tal-karta ta' l-identita' no: AS 9212282 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' Settembru, 2012, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta’ Settembru, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali esebit a fol 8 tal-process u mahrug ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn huwa ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti tieghu taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Settembru, 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita llum u mmarkata bhala Dok NS1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------